# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-ewwel sena sekondarja

F'Novembru 2016 saru l-applikazzjonijiet skont l-ewwel kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2017-2018. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja.

## L-Ewwel Sena Sekondarja Subien

It-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien huwa ta' mitejn tlieta u sebgħin (273) post.

Għall-ewwel sena sekondarja subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| | |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 2 |
| *1ċ Aħwa* | 35 |
| *1f Tfal minn skola bla kontinwità* | 87 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 27 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 6 |
| ***Total*** | **157** |

Applikant talab trasferiment bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, Kriterju 1d, u din ma tnaqqsitx mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupa post fi skola, iħalli post vakant fl-iskola fejn jattendi.

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (273) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (157), iħalli total ta' mija u sittax-il post vakanti (116).

Għandna wkoll sittax-il applikazzjoni, fosthom żewġ applikazzjonijiet tal-każijiet serji, għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel rilevanti dawn jinkitbu fihom.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

## L-Ewwel Sena Sekondarja Bniet

It-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet huwa ta' sebgħa u erbgħin (47) post.

Għall-ewwel sena sekondarja bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| | |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 5 |
| *1f Tfal minn skola bla kontinwità* | 20 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 3 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 3 |
| ***Total*** | **32** |

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (47) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (32), iħalli total ta' ħmistax-il post vakanti (15).

Għandna wkoll erbgħa applikazzjonijiet għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel rilevanti dawn jinkitbu fihom.

## Każijiet Serji

Peress li n-numru tal-applikazzjonijiet ta' tfal bi bżonnijiet edukattivi tal-ewwel kriterju huwa kbir ħafna, l-iskejjel m'għandhomx iżjed postijiet vakanti għal tfal tat-tielet kriterju "Applikanti Oħra". Mill-banda l-oħra se jkunu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' Każijiet Soċjali.

## Konklużjoni

Hemm ċans li fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan japplika wkoll għall-aħwa bniet. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul Skejjel tal-Knisja**
**20 ta' Jannar 2017**